MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2005

Numru. 10/2005

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Artikoli 208(A) tal-Kap 9**
**tal-Ligijiet ta' Malta**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Calleja**

**V**

**PETER PAUL ATTARD**

**Seduta ta' llum, 28 ta' Lulju 2005**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PETER PAUL ATTARD** ta' tnejn w ghoxrin sena, bin Michael u Maria Stella nee Meilaq,

imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-ewwel ta' Jannar 1983 u residenti 'St. Rita', Triq t-Tigrija, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 3783G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Jannar 2004 u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta' Malta, sew jekk f'Malta jew barra minn Malta, gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta, jew qassam jew wera ritratt, film, video recording, jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-Fiat tal-Avukat Generali, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja u dan ai termini tal-artikolu 22 sub artikolu 2 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta esibit f’dan l-atti datat erbgha ta’ Awissu 2004.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat erbgha ta' April 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2005 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l- wiehed u ghoxrin ta' April 2005, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat.
Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m’ghandu ebda tebgha ta’ reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz; u

4. L-eta piuttost tenera tal-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi l-piena idoneja ghandha tkun dik ta’ Probation Order.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 208[A] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddecidi li ssib lill-imputat PETER PAUL ATTARD hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tiddeciedi li tpoggih taht is-supervizjoni ta’ Ufficjal ta’ Probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mill-llum.**

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li tinnomina kandidat ideali ghal dan il-ghan.
**Il-Qorti qed tobbliga lil imputat probationer sabiex jkompli jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer li ser jigi nominat mid-Direttur ta' tali servizzi, inkluz kull direttivi li l-istess ufficjal jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies u li ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer nominat skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien.**

**Tobbliga wkoll lil l-imputat probationer jidher quddiem din il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer nominat kull sitt xhur fid-data u l-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probationer.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 11(5) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tissolecita lil istess Direttur sabiex jinnomina persuna li jkollha esperjenza dwar kif tittratta maz-zaghzagh.**
**Il-Qorti fissret fi kliem car lil imputat l-import ta' din s-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li hu jonqos li josservha.**

**L-imputat probationer minn naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din s-sentenza u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tinghata lil istess imputat probationer Peter Paul Attard.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------